MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru. 1306/2006

PULIZIJA
SPETTUR MARISA CAMILLERI
VS
CHRISTOPHER BORG
JONATHAN CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Christopher Borg, imwieled Attard fil-5 ta’ Marzu 1979, bin il-mejjet Alfred u Mary Anne nee’ Ciantar, residenti Flat 3, Block 1, Bieb B, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Siggiewi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 141979(M); kif ukoll Jonathan Camilleri, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Dicembru 1984, bin John u Carmen nee’ Aquilina, residenti St John, Sqaq ta’ Brija Numru 1, Siggiewi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 32785(M), u akkuzati talli fit-13 ta’ Settembru 2006, ghal habta ta’ 4.20pm, fil-Fawwara, limiti tas-Siggiewi, ikkommettew serq ta’ ammont ta’ ‘spare parts’, li l-valur taghhom huwa

ta' aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta' Polidano & Schembri Quarry Ltd, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c), 263 u 267 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputati (a fol 8 u 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 7).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputati jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 264 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri; il-fedina penali nadifa netta taghhom; l-eta' tal-imputati; il-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija; u l-fatt illi r-res furtiva giet kollha ritornata lura lil sidha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------